# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 150/2021: **DINO FINO OPERATIONS LIMITED (C81069) V. JAKE GRECH (KI. 351690M) U SYLVIA SCICLUNA (KI. 263096M) U B' DIGRIET TAL-14 TA' FRAR 2022 IL-QORTI ORDNAT KORREZZJONI FL-OKKJU B'DAN LI "JAKE GRECH" GĦANDU JIĠI JAQRA "JAKE GAUCI"**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta' Ġunju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Dino Fino Operations Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu talbet lil Jake Gauci u Sylvia Scicluna ("l-intimati") jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li jħallsuha s-somma ta' €6,633 rappreżentanti bilanċ minn ammont akbar, għall-għamara mibjugħa lil Jake Gauci fuq inkarigu tiegħu stess u fejn Sylvia Scicluna hija garanti għall-istess ammont bis-saħħa ta' skrittura iffirmata bejn il-partijiet, bl-ispejjeż (inkluż tal-mandat kawtelatorju ppreżentat mar-rikors) u bl-imgħax legali kontra l-istess intimati li ġew inġunti in subizzjoni,

wara li rat li bl-Ordni tagħha tad-9 ta' Ġunju 2021[1] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimati sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilhom tar-rikors u tal-Ordni,

---

[1] Fol 5-6

wara li rat li l-intimati ġew notifikati bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija fis-16 ta' Diċembru 2021[2],

wara li rat illi l-intimati baqgħu ma' daħħlu l-ebda risposta fit-terminu prefiss u naqsu milli jidhru għas-seduti tal-14 ta' Frar 2022[3] u tal-4 ta' April 2022[4],

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' April 2022[5] l-ammont mitlub ġie ridott għas-somma ta' €3,489.61, ġie ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-intimati u d-direttur tar-rikorrenti kkonferma l-ammont dovut,

wara li rat illi l-intimati għal darb' oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022[6],

wara li rat id-dokumenti kollha l-oħra esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mill-intimati l-ħlas tas-somma ta' €3,489.61, ammont li ġie ridott mis-somma oriġinali mitluba ta' €6,633. Dan l-ammont jirrappreżenta bilanċ minn ammont akbar għall-għamara mibjugħa lil Jake Gauci fuq inkarigu tiegħu stess. Dan l-istess ammont qed jintalab ukoll minn Sylvia Scicluna li kienet daħlet garanti għall-istess ammont bis-saħħa ta' skrittura iffirmata bejn il-partijiet, kopja ta' liema skrittura ġie esebita u annessa mar-rikors promotur[7].

2. L-intimati, notifikati skond il-liġi, baqgħu ma' daħħlu l-ebda risposta u naqsu milli jidhru għas-seduti tal-14 ta' Frar 2022[8] u tal-4 ta' April 2022[9].

3. Kien għalhekk li fis-seduta tal-4 ta' April 2022 ir-rikorrenti ġiet awtorizzata mill-Qorti sabiex tippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-intimati[10]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimati '*jipprovaw bil-ġurament li huma debituri tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimati għall-25 ta' April 2022.

---

[2] Fol 8 wara
[3] Fol 14
[4] Fol 15
[5] Fol 15
[6] Fol 27
[7] Fol 2-3
[8] Fol 14
[9] Fol 15
[10] Fol 19

4. Is-seduta tal-25 ta' April 2022 ġiet differita minħabba indisposizzjoni tal-Maġistrat Sedenti u l-kawża tħalliet għall-istess skop għas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022[11]. L-intimati għal darb' oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 u dan sabiex iwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimati f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> «171 (2). *Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.* »

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> « 215. *Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.* »

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> « 702 (1). *Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.* »

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> « *699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*
>
> *(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati*»

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

---

[11] Fol 26

« 713. *Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.* »

10. It-talba għas-subizzjoni tal-intimati saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tal-4 ta' April 2022.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

« 702 (3)(b) ... *il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.* »

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimati fis-seduta tal-4 ta' April 2022, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tal-25 ta' April 2022 u sussegwentement għas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 sabiex l-intimati jwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti.

13. Meta fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 l-intimati naqsu għal darb' oħra milli jidhru sabiex iwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti huma effettivament ammettew illi huma debituri tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

« *din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.* »

**Provi**

15. Fl-4 ta' April 2022 ir-rikorrenti permezz ta' nota rriduċiet is-somma mitluba minn € €6,633 għal €3,489.61[12]. Fl-istess seduta **<u>Dino Fino</u>**, direttur tar-rikorrenti, xehed bil-ġurament *inter alia* illi l-ammont mitlub għadu dovut sal-ġurnata tal-lum u f'dan

[12] Fol 18

ir-rigward ippreżenta ukoll numru ta' dokumenti inkluż *inter alia* fattura u prospett tal-ammont bilanċjali[13].

**Kunsiderazzjonijiet**

16. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> « *... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process.* »

17. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> « *ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti.* »

18. Mill-assjem tal-provi mressqa il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li l-intimati huma tabilħaqq debituri tar-rikorrenti fl-ammont totali ċert, likwidu u dovut ta' tlett elef erba' mija disa' u tmenin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€3,489.61).

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u**

    1. **Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlett elef erba' mija disa' u tmenin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€3,489.61) rappreżentanti bilanċ minn ammont akbar għall-għamara mibjugħa lil Jake Gauci fuq inkarigu tiegħu stess, fejn Sylvia Scicluna hija garanti għall-istess ammont bis-saħħa ta' skrittura iffirmata bejn il-partijiet.**

[13] Fol 16-17

2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali fuq l-ammont dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament,**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimati.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace
Maġistrat | Dep. Reġistratur